**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 163/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**Vs**

**Jesmond Micallef**

Illum it-30 ta' Ottubru 2019,

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Jesmond Micallef, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 185585M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-05/09/2015 ghal habta ta' 04:15hrs fi Triq il-Palma, Rahal il-Gdid:

1. Saq vettura b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;

2. Saq jew ipprova jsuq vettura jew kellu kontroll tal-vettura fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

3. Irrifjuta jew naqas milli jaghti kampjun tan-nifs jew tal-urina skond il-ligi;

4. U li b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura u kkaguna nvolontarjament hsara lil terza persuna.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Marzu, 2017, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha u wara li rat l-artikoli tal-ligi kkundannatu multa ta' elfejn Ewro (€2,000) u sospensjoni tal-licenzja ghal tmien (8) xhur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jesmond Micallef, ipprezentat fis-6 ta' April, 2017, fejn talab lil Qorti tirriforma s-sentenza msemmija, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-akkuza, li rrifjuta li jaghti skond il-ligi, kampjun tan-nifs jew kampjun tal-urina, tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' akkuza u erogat piena ta' multa ta' elfejn Ewro u sospensjoni tal-licenzja ghal zmien tmien (8) xhur u minflok tinfliggi piena iktar ekwa u gusta.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, Jesmond Micallef, huwa s-segwenti w *cioe'*:-

> Illi mill-provi li kellha quddiemha, l-Onorabbli Qorti ma setghet qatt tasal ghall-konkluzjoni li l-akkuzi kollha rrizultaw sodisfacament ippruvati sal-grad mehtieg mill-ligi u ghalhekk, waslet ghall-konkluzjoni zbaljata ta' htija fuq l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu;
>
> **Ix-xhieda prodotta**
>
> Quddiem il-Qorti, l-Pulizija pprezentaw *affidavit* ta' PS15, Cyril Butters, filwaqt li xehed ukoll Alessandro Delceppo. Minn dawn il-provi prodotti johrog car illi l-appellant ikkopera mal-pulizija, tant illi mar maghhom fl-ewwel ghassa u wara ttiehed l-ghassa ta' Bormla peress li l-apparat tat-*test* tan-nifs ma kienx jahdem.
>
> Mill-provi prodotti, minn imkien ma jirrizulta li l-appellant kien qed isuq jew prova jsuq il-vettura xurban, tant illi huwa nstab mill-pulizija gewwa l-vettura tieghu u dan il-fatt wahdu bl-ebda mod ma jista' jikkonferma li fil-hin ta' qabel kien fil-fatt qed isuq u lanqas ma jindika li hu kien qed jipprova jsuq.
>
> *Oltre* dan, il-pulizija naqsu milli jiehdu *statement* tal-appellant u dak li PS15 qed jallega mhux ghajr *hearsay* u *di piu* minghand persuna li skond l-istess xhud ma kienx jaf x'qieghed jaghmel. Ghalhekk, il-Prosekuzzjoni naqset il-prova rikjesta skond il-ligi.
>
> Il-Qorti sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu minkejja li l-provi pprezentati bl-ebda mod ma jissodisfaw il-livell kif rikjest mill-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant hassu aggravat unikament bis-sejbien ta' htija ghall-ewwel, it-tieni u r-raba akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dan meta jishaq illi sar apprezzament zbaljat mill-Ewwel Qorti meta din ikkonkludiet illi l-appellant kien qed isuq fi stat ta' inebrijazzjoni. Dan ghaliex bil-fatt wahdu illi l-pulizija sabuh fil-vettura tieghu rieqed dan ma setax ifisser, fil-fehma tieghu, illi huwa saq jew ipprova isuq meta kien xurban. Ma jikkontestax madanakollu s-sejbien ta' htija ghat-tielet imputazzjoni u cioe' dik fejn huwa gie mixli bir-reat mahsub fl-artikolu 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li huwa irrifjuta li jaghti il-kampjun tan-nifs kif gie mitlub li jaghmel mill-ufficjali investigattivi.

Illi l-Qorti ezaminat l-atti mill-gdid minn fejn jirriżulta illi nhar is-Sibt 5 ta' Settembru 2015 għall-ħabta tal-4:15am, il-pulizija tal-Għassa ta' Raħal Ġdid ġew infurmati illi fi Triq Palma ġewwa Raħal il-Ġdid, kienet sehhet kollizzjoni bejn żewġ karrozzi, fejn ghalkemm id-danni subiti fil-vetturi kienu konsiderevoli izda, ħadd ma kien weġġa' f'dan l-incident. Ġie nnutat illi x-xufier ta' waħda minn dawn il-vetturi, u cioe' is-Suzuki Swift bin-numru ta' reġistrazzjoni EBJ732, kien rieqed fil-vettura. Il-pulizija qajjmu lill-appellant fejn innuttaw illi ghalkemm huwa ma kienx ferut iżda kien fi stat li ma setax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u kien jidher li kien fis-sakra. Innutaw ukoll illi kellu wkoll riħa qawwija ta' xorb u beda jgedwed fid-diskors, apparti li ma setax joqgħod fuq saqajh.

Meta mitkellem mill-pulizija l-appellant stqarr illi kien ġej mid-direzzjoni taċ-Ċimiterju lejn Triq il-Palma fejn hemmhekk tilef il-kontroll tal-vettura u ħabat ma' vettura li kienet ipparkjata, Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni FBP268 liema vettura subiet ħsarat konsiderevoli fuq il-parti ta' wara tagħha, fosthom fil-*windscreen* li giet mifqugha. In oltre irrizulta illi mad-daqqa, it-Toyota Corolla tkaxkret u konsegwentement ħabtet ma' arblu tad-dawl, tant li sofriet ħsarat ukoll fuq il-*mudguard* ta' quddiem fuq in-naħa tax-xellug tagħha. Meta l-appellant ġie nfurmat li kien ser jittieħed l-għassa sabiex isirlu t-test tan-nifs huwa staqsa għalfejn il-pulizija kienu qegħdin ikabbru l-affarijiet. L-apparat gewwa l-ghassa ta' Rahal il-

Gdid ma kienx qed jiffunzjona u ghalhekk l-appellant ittieħed l-għassa tal-pulizija ta' Bormla sabiex isirlu dan it-test izda hemmhekk hu ssenjala lill-pulizija li ma xtaqtx jagħti kampjun. Sussegwentement inħarġu l-akkużi relattivi kontra tiegħu.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant instab ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu fejn, kif inghad, mhux qieghed jikkontesta s-sejbien ta' ħtija għat-tielet imputazzjoni. Illi l-appellant jishaq illi meta gie misjub mill-pulizija huwa kien bil-qieghda rieqed fil-vettura u allura ma kienx hemm il-prova illi huwa saq jew ipprova isuq il-vettura tieghu u dan meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba li kien taht l-effett tal-akohol u allura ma kienx hemm prova lanqas illi saq il-vettura tieghu b'manjiera traskurata, perikoluża u/jew bla kont u dan kif mahsub fl-artikolu 15(1)(a)(2) u 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti ma tistax tikkondividi din il-kritika diretta lejn id-decizjoni impunjata. Dan ghaliex il-provi indizzjarji u cirkostanzjali kollha jindikaw illi l-appellant mhux biss kien qed isuq il-vettura tieghu f'dik il-ghodwa, izda kien sahansitra involut f'kollizzjoni. Dan jirrizulta mhux biss ghaliex il-vettura tieghu instabet mahbuta ma' karozza ohra li kienet ipparkeggjata, izda ukoll ghaliex meta wasslu il-pulizija fuq il-post sabuh bil-qieghda fuq is-sedil tax-xufier, indikazzjoni cara allura li l-vettura tieghu ma setatx kienet stazzjonarja qabel l-impatt izda kienet qed tigi minnu misjuqa meta ghal xi raguni sehhet il-kollizzjoni. Mhux biss, izda l-impatt tant kien wiehed qawwi li l-vettura li kienet ipparkeggjata u li l-appellant habat go fiha bil-vettura tieghu, giet spustjata minn postha ghal fuq arblu tad-dawl li kien hemm fl-akwati. Illi Alessandro Delceppo, sid din il-vettura, fil-fatt jikkonferma illi l-vettura kienet ipparkeggjata hdejn il-garaxx tal-mekkanik tieghu fi Triq il-Palma u allura certament l-kawza prossima tal-incident ma setatx kienet attribwibbli lilu jew lis-sewqan tieghu, izda unikament lill-appellant. Abbinat ma' dawn il-fatti probatorji hemm ukoll il-prova illi l-appellant ma kienx f'kundizzjoni jiehu hsieb tieghu innifsu u li fuqu inxtammet riha qawwija ta' alkohol, tant illi l-pulizija investigattivi tallbuh joqghod ghat-test tan-nifs.

Huwa dmir ta' kull sewwieq illi jkollu attenzjoni shiha fis-sewqan tieghu meta jkun fit-triq u allura illi l-hin kollu izomm *a proper lookout*. Dan ma jidhirx li sehh f'dan il-kaz bl-appellant ghal raguni inspjegabbli jahbat b'impatt vjolenti f'vettura li kienet ipparkeggjata, f''triq wiesgha b'vizwali tajba u fejn ma jidhirx illi kien hemm xi kundizzjonijeit ambjentali li setghu wasslu ghal dan is-sinistru stradali. Dan certament jammonta ghal sewqan traskurat u bla kont kif mahsub fl-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap.65:

> **Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Aldo Muscat" [27.5.04] ), jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim. Pul. vs. Charles Bartolo [14.3.59] ; Pul. vs. Wilson, Vol. XXXIX p. 1018 u Pul. vs. Alfred Vella, Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham , [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia XXXIX p. 1018.) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye". (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina , 20.4.1963) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri , Vol. XLIV , p.892. )[1]**

Fuq kollox:

> **"ma hemmx dubju li l-fatt li driver jitlef il-kontroll tal-karozza w jispicca fuq in-naha l-hazina tat-triq minnu innifsu hija prova ndizjarja jew "circumstantial evidence" li tohloq "presumption of fact" ta' sewqan hazin, ghax driver suppost li jkollu l-vettura tieghu dejjem taht kontroll." [App. Krim. Pulizija vs. Neville John Psaila ; 20.3.2003]**

Illi dan ifisser illi l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal sejbien ta' htija ghall-ewwel u r-raba imputazzjoni u cioe' ghar-reat tal-ħsara involontarji kif dispost fl-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi l-appellant qieghed jikkontesta ukoll is-sejbien ta' htija ghat-tieni imputazzjoni u cioe' ghar-reat mahsub fl-artikolu 15A tal-Kapitolu 65. Illi l-insenjment tal-qrati

---

[1] Il-Pulizija vs Alfonso Abela deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono nhar l-10 ta' Marzu 2005.

taghna kien dejjem fis-sens illi ma hemmx necessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-fatt li l-analizi tan-nifs (a differenza tat-test tan-nifs) ikun inkomplet jew ma jsirx, madanakollu:

> **Meta l-ligi titkellem dwar "inkapacita` fizika jew mentali" qed tirreferi ghal inkapacita` li trid tezisti indipendentement mill-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti l-kampjun, kif ukoll indipendentement mill-ansjeta` dovuta ghall-fatt li dik il-persuna tkun involuta f'incident awtomobilistiku."** [2]

Dak li kellu jigi stabbilit allura, skont it-taghlim gurisprudenzjali surriferiet huwa jekk l-kumpless tal-provi kienx sufficjenti sabiex iwasslu lill-Ewwel Qorti ghall-konkluzjoni b'sahhitha li l-appellant kien xurban fil-waqt li kienet qieghda isuq, u li l-istat tieghu ta' sokor kienx tali li affettaw l-mod tas-sewqan tieghu u dana indipendentement mill-fatt jekk huwa irrifjutat jaghmel it-test tan-nifs o meno.

Illi mill-affidavit ta' PS15 Cyril Butters jirrizulta illi l-qagħda fizika tal-appellant ma kinitx waħda fejn seta' jieħu ħsieb tiegħu innifsu, fejn apparti li beda jħawwad fid-diskors u jirrepeti l-istess affarijiet, hu bilkemm seta' joqgħod fuq saqajħ, tant illi kellu jiġi assistit. Illi mhux biss izda huwa kellu riħa qawwija ta' xorb. Illi abbinat ma' din il-prova okulari b'sahhitha, l-mod kif il-vetturi tal-appellant u ta' Delceppo instabu fuq il-post wara l-impatt huwa evidenza tal-fatt illi l-appellant kien qed isuq taħt l-influwenza tax-xorb li kkontribwiet għas-sinsistru stradali mertu ta' dawn il-proceduri. Dan meta ghal raguni inspjegabbli, u li l-appellant ma jirnexxielux jipprova lanqas sal-grad tal-probabbli, huwa tilef il-kontroll fis-sewqan tieghu u habat ma' vettura li kienet stazzjonarja b'impatt qawwi.

Illi dan maghdud u kif inghad ghalkemm ghal fini ta' sejbien ta' htija ghal dan ir-reat ma hux mehtieg illi ssir il-prova tat-test tan-nifs, madanakollu gjaldarba l-appellant mhux qieghed jikkontesta s-sejbien ta' htija ghat-tielet imputazzjoni u cioe' ghar-reat mahsub fl-artikolu 15E(4) tal-Kapitolu 65, kwindi tiskatta l-presunzjoni legali imfassla f'dan l-artikolu tal-ligi. Illi ghalhekk bir-rifjut tieghu l-appellant ghandu jigi meqjus li l-proporzjon tal-akohol tieghu fid-demm kien izjed mil-limitu preskritt fil-

---

[2] Il-Pulizija vs Marlon Montebello – App.Inf. – 09/02/2001

ligi, liema limitu huwa stabbilit fl-artikolu 15I(1)(a)(i)(ii) u (iii) tal-Kapitolu 65. Dan allura necessarjament iwassal lil din il-Qorti ghal konkluzjoni illi misjub hati li l-appellant kellu livell ta' alkohol fis-sistema tieghu aktar mil-limitu preskritt fil-ligi, dan isahhah aktar il-prova li saret permezz tax-xiehda okulari tal-ufficjali tal-pulizija u l-provi cirkostanzjali li hemm fl-atti illi l-appellant ma kienx f'kundizzjoni isuq jew ikollu kontroll tal-vettura tieghu minhabba konsum ta' alkohol.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal biss l-aħħar gravam imqanqal mill-appellant marbuta mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi jishaq illi din hija piena eċċessiva. Issa huwa indubitat illi l-piena erogata hija wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi u hija wahda li tqarreb lejn il-minimu taghha. In oltre l-imposizzjoni tal-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan hija wahda mandatorja fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 15H tal-Kapitolu 65 b'terminu minimu ta' skwalifika ta' sitt xhur (6) u dan ghas-sejbien ta' htija kemm ghar-reat mahsub fl-artikolu 15A kif ukoll dak imfassal fl-artikolu 15E tal-Kap.65, minn liema l-ahhar kundanna l-appellant ma ressaqx appell. Dan ifisser illi l-piena erogata mhux biss ma kenitx wahda eccessiv, izda kienet wahda miti u tqarreb hafna lejn il-minimu. Għaldaqstant din il-Qorti tikkonkludi li lanqas il-piena mposta m'għandha tiġi mibdula.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha, bit-terminu ta' tmien xhur skwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghandu jibda jidekorri minn nofs-il-lejl ta' llum.

Edwina Grima

Imhallef